KunAf





# Meta tkun kuntent/a? X'jagħmlek ferħan/a?

**Ġesù jgħidilna x'nagħmlu biex inkunu aktar ħbieb tiegħu** (Mt5, 1-12)

Ħafna nies ferħu meta ltaqgħu ma' Ġesù, għax fejjaqhom, ħafrilhom dnubiethom, mar jiekol għandhom u kienu jieħdu pjaċir jisimgħuh jitkellem.

Darba tela' fuq muntanja, u lin-nies li marru jisimgħuh qalilhom 8 veritajiet li jagħmluhom ferħana u kuntenti. Dawn il-veritajiet nirreferu għalihom bħala: 'Id-Diskors tal-Muntanja'. Ġesù jrid li jara lil kulħadd kuntent u ferħan. Għalhekk jibda dawn il-veritajiet bil-kelma 'Hieni'.

## INKUN FERĦAN HENJIN

*Kompli s-sentenza biex issib il-kliem nieqes biex tiftakar x'qalilna Ġesù meta tkellem minn fuq il-muntanja. (Id-Diskors tal-Muntanja)*

4 għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

3 għax huma jaraw 'l Alla.

7 għax huma jkunu mfarrġa.

5 għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

1 għax huma jkunu mxebbgħa.

8 għax huma jsibu ħniena.

2 għax huma jissejħu wlied Alla.

6 għax huma jkollhom l-art bħala wirt.

- ☐ Henjin il-fqar fl-ispirtu,
- ☐ Henjin l-imnikkta,
- ☐ Henjin ta' qalbhom ħelwa,
- ☐ Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja,
- ☐ Henjin dawk li jħennu,
- ☐ Henjin dawk li huma safja f'qalbhom,
- ☐ Henjin dawk li jġibu l-paċi,
- ☐ Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba fil-ġustizzja,



### Fil-ħsieb ta' Ġesù min huma ......

**IL-FQAR** mhux dawk li m'għandhomx flus, imma dawk li jemmnu li Ġesù salvahom.

**L-IMNIKKTA** mhux dawk li huma morda jew imweġġgħa, imma dawk li jiddispjaċihom meta ma jagħmlux li jrid Alla.

**TA' QALBHOM ĦELWA** mhux min ma jiġġilidx, imma min jgħin u jħobb.

**BIL-ĠUĦ** mhux dawk li jieklu u jixorbu, imma min jagħżel dak li hu veru u tajjeb.

**LI JĦENNU** mhux min jgħin biss meta jkollu aptit u lil min irid, imma min jgħin lil kulħadd.

**L-INNOĊENTI (SAFJA)**, mhux min qatt ma jagħmel xejn ħażin, imma dawk li jaħsbu, u jħobbu kif ħaseb u ħabb Ġesù.

**LI JĠIBU L-PAĊI** mhux min ma jiġġilidx, imma dawk li jgħixu u jaħdmu għall-paċi.

**L-IPPERSEGWITATI** mhux dawk li huma msawta jew mgħajra, imma dawk li telquhom il-ħbieb għax għamlu dak li għallem Ġesù.